**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 30 | 4 | 5 | 6 | 10 | 16 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# L-UMBRELLA



Għalina hija ħaġa naturali li nifthu l-umbrella biex ma nixxarrbux meta tagħmel ix-xita. Imma l-umbrella ma kinitx ivvintata biex tipproteġina mix-xita. L-ewwel użu tagħha kien bħala lqugħ mix-xemx! (*par. 1*)

Ħadd ma jaf min ivvintaha l-ewwel, imma l-umbrella ilha tintuża minn żmien antik ħafna. Probabbilment l-ewwel nies li użawha kienu ċ-Ċiniżi madwar is-seklu ħdax qabel Kristu. (*par. 2*)

Nafu li l-umbrella kienet tintuża fl-Eġittu u fil-Babilonja antika bħala lqugħ mix-xemx. Kien hemm ħaġa stramba marbuta ma' l-użu tagħha: saret simbolu ta' unur u awtorità. Fl-imgħoddi, fil-Lvant Imbiegħed, l-umbrella setgħet tintuża biss min-nobbli jew minn dawk li kellhom xi kariga għolja fil-pajjiż. (*par. 3)*

Fl-Ewropa, il-Griegi kienu l-ewwel li użaw l-umbrella bħala lqugħ mix-xemx. Imma jgħidu li l-ewwel nies fl-Ewropa li użaw l-umbrella bħala protezzjoni mix-xita, kienu r-Rumani ta' l-imgħoddi. *(par. 4*)

Għal xi żmien l-użu ta' l-umbrella sparixxa għal kollox, imbagħad ġie żmien lejn l-aħħar tas-seklu sittax meta din tfaċċat fl-Italja. U għal darba oħra, hawnhekk l-umbrella kienet ikkunsidrata bħala simbolu ta' poter u awtorità. Fl-1680 l-umbrella dehret fi Franza, u iżjed tard, fl-Ingilterra. (*par. 5)*

Fis-seklu tmintax, l-umbrella kienet użata bħala lqugħ mix-xita kważi fl-Ewropa kollha. Matul dan iż-żmien kollu l-umbrella ma nbidlitx ħafna fl-istil, għalkemm saret ħafna eħfef fil-piż. Kien fis-seklu għoxrin li l-umbrelel tan-nisa bdew isiru f'varjetà kbira ta' kuluri. (*par. 6*)

(Addattament minn artiklu miktub minn ***Irma***)

## A. FEHIM IT-TEST (9 marki)

1. X'kien l-ewwel użu ta' l-umbrella?

_______________________________________________ (1)

2. Min kienu l-ewwel nies li użaw l-umbrella u meta?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. Semmi pajjiż li fih l-umbrella kienet tintuża bħala lqugħ mix-xemx.

______________________________________________________________________ (1)

4. X'għamlu r-Rumani ta' l-imgħoddi?

______________________________________________________________________ (1)

5. Mis-silta semmi ż-żewġ bidliet li saru fl-umbrella matul iż-żmien.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6. Inti tuża umbrella? Għid għaliex.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (30 marka) |
|---|---|

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

1. Għal min qiegħda tirreferi l-kelma **għalina** fl-ewwel paragrafu?

______________________________________________ (1)

2. Ħadd ma jaf min ivvinta***ha*** l-ewwel. *(par. 2)*
   Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż ***ha*** fil-kelma ivvinta***ha***?

______________________________________________ (1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Setgħet tintuża biss ***min-nobbli.*** *(par. 3)*

   ***min-nobbli*** tfisser:

   minn kulħadd ☐ minn wieħed ☐ min-nies ta' klassi għolja ☐ (1)

4. Il-kelma ***poter*** *(par.5)* turi kobor, setgħa jew żmien? ______________________ (1)

Mis-silta sib kliem li jfisser l-istess bħal:

1. tilqgħalna *(par.1)* ______________________

2. qadima *(par. 3)* ___________________________________

3. ma deherx *(par. 5)* _________________________________

4. lwien *(par. 6)* _____________________________________ (4)

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

Ikteb is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira.

1(a) L-umbrella setgħet tintuża biss min-nobbli jew minn dawk li kellhom xi kariga għolja fil-pajjiż.

1(b) In-nobbli u dawk ____________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (2)

2. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-kelma ***u***.

L-umbrella ma nbidlitx ħafna fl-istil. Saret ħafna eħfef fil-piż.

______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (2)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

a. Imla skond kif mitlub:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | ________________________ ilu kont Ruma. | Għadd Imtenni ta' *ġimgħa* |
| 2. | F' ______________________ għandek tlesti x-xogħol. | Għadd Imtenni ta' *siegħa* |
| 3. | Toni kiel ________________ fniek moqlija. | Nom minn *kiel* |
| 4. | Il- ______________________ tal-futbol se ssir għada. | Nom minn *lagħab* |
| 5. | Flok għeb ħafna nies jgħidu s_ _ _ _ x x _. | Kelma oħra flok *għeb* |
| 6. | Minflok tweġiba nista' ngħid r _ _ _ _ _ _ a. | Kelma oħra flok *tweġiba* |

(6)

b. Agħti l-Plural tal-kliem fil-parentesi:

1. Kulħadd għandu jagħraf l-importanza tal-_____________________________ (ktieb).
2. Kien hemm l-____________________________ (omm) u t-____________________ (tifel).
3. It-tifla poġġiet il-________________________ (fjura) quddiem il-Madonna. (4)

ċ. Imla l-vojt billi tgħaqqad il-Partiċelli tal-ġenb:

1.Kilt ____________________ ħbieb. Ma' + l-

2.Inżilt __________________ għoli. Minn + l- (2)

3. Mit-tielet paragrafu sib **żewġ** Partiċelli magħquda ma' l-Artiklu:

______________________________________________ (2)

d. Imla l-vojt bil-Komparattiv / Superlattiv tal-kliem fil-parentesi:

1. Il-kejk hu ________________ mill-pastini. (tajjeb)
2. Il-ħanut ta' ħdejna għandu ______________________ prezzijiet. (irħis)
3. Daħħal l-Artiklu fil-vojt:

_____ studenti ġabu ruħhom tajjeb ħafna meta marru ________ċirku ma' l-għalliema. (4)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

Ikteb il-kelma xierqa biex tifforma l-qawl:

1. Alla jagħlaq _______________ u jiftaħ mija.
2. Alla skond ________________ jagħtiha s-silġ. (2)

Imla l-vojt ta' dawn l-idjomi:

1. Sar minn kull ________________________ meta missieru għajjat miegħu.
2. John sar isfar _________________________ bil-qatgħa li ħa. (2)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (5 marki)

Imla l-vojt kif meħtieġ:

In-nannu: Għada aħseb _________________ ħalli mmorru l-Belt flimkien u jekk tkun _________________ ara li ġġib umbrella miegħek.

Mark: U iva nann, mhux se nħallik tistenna. Imma jien ma rridx inġib _________________ għax iddejjaqni. Mur ara billi __________________ ftit bix-xita!

In-nannu: Agħmel int, imma jien se nġib l-umbrella _______________________ li għandi.



## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (6 marki)

Ikteb tliet (3) sentenzi fuq xi wieħed mis-suġġetti li studjajt fil-proġett tal-folklor.

Isem tas-suġġett: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

| | |
|---|---|
| **F (i) LETTERATURA – POEŻIJA** | (10 marki) |

**A. NADRIET 1**

Imla skond kif mitlub.

1. Ġan Anton Vassallo jgħid li l-isem Malta jfisser ________________________ fil-poeżija *Tifħira lil Malta.* (1)
2. Fil-poeżija *San Franġisk u l-Gamiem*, it-tifel fetaħ ______________________ tal-qafas u t-tjur ħarġu minnufih. (1)
3. Il- *Bikja tal-Buskett* hija poeżija li titkellem dwar l-______________________ naturali. (1)
4. **LIL OMMI** ta' Ružar Briffa

Fejn taf, għażiż' ommi,
Kemm ra l-iben tiegħek
Minn x'ħin telaq daru
U nfired minn miegħek!
Benninni, benninni,
Fissidni bħal dari…
Hekk… hekk… iva, daħħal
Subgħajk ġewwa xagħri;
W għannili, bil-ħlewwa,
Il-għanja tas-sewwa.



a) F'din is-silta mill-poeżija *Lil Ommi*, semmi ħaġa waħda li l-poeta qiegħed jitlob lil ommu.
____________________________________________ (1)

b) X'tissejjaħ strofa b'erba' versi bħalma juża Briffa f'din il-poeżija?
____________________________________________ (1)

ċ) Sib u ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw.
____________________________________________ (2)

**B. AKTAR NADRIET POETIĊI**

| |
|---|
| *Distanza* – Tarċisju Zarb, *Dik Mewġa!* – Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* – Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* – Anton Buttigieg, *Xita* – Mary Meylak |

Agħżel poeżija **waħda** mil-lista u ikteb madwar tliet linji fuqha.

____________________________________________

____________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (3)

**F(ii) LETTERATURA – PROŻA** (16-il marka)

**a. STEJJER MINN TARF IR-RAĦAL** ta' Ġorġ Borġ

Minn dawn l-istejjer*: Is-Santa taċ-Ċikwejra, In-Niżla tal-Ganċ, Il-Ħamiem tal-Barumbara*, liema **waħda** għoġbitek l-iżjed? Għid għaliex f'madwar għoxrin kelma.

L-isem ta' l-istorja:______________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (3)

**b. STEJJER TAL-LINKA** - Sedqa

Aqra din is-silta mill-istorja ***Jason Grima*** u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

Jason joqgħod Triq l-Emarġinati, jorqod qalb il-pitazzi użati tar-rigi wesgħin fuq l-art taċ-ċangatura u hawn għajdut li ma għadekx issib tfal bħalu.

In-nannu Vanġiel iħobb il-qatra u 'l ommu ma jafhiex minn Adam. U n-nanna agħtiha l-wiski u dik ix-"xi ħaġa" tar-*relief*. Filgħodu nitolbu għal tfal anqas ixxurtjati minna u hawnhekk Jason ikun l-aktar wieħed li jwieġeb Amen, Amen, Amen, hekk ikun.

1. Min kien jieħu ħsiebu lil Jason?

____________________________________________________________________________ (1)

2. Għaliex taħseb li waqt it-talba ta' filgħodu, Jason kien l-aktar wieħed li jwieġeb Amen?

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (2)

3. F'din iż-żona nsibu żewġ stejjer oħra***: L-iskola*** u ***Dak is-sarkażmu tas-Sur Briffa***.

   Ikteb madwar tliet (3) linji dwar **waħda** minnhom.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

**ċ. META JAQA' Ċ-ĊPAR** ta' Trevor Żahra

Agħżel persunaġġ **WIEĦED** u ikteb madwar tletin kelma dwaru / dwarha.

| John, Helen, Marthese, Frankie, Pawlu |
|---|

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (7)

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. Ikteb fuq karta separata.

1. Għandek *pet* id-dar. Tkellem dwaru u għid kif tieħu ħsiebu.
2. Barbikju mal-familja tiegħek.
3. Iddeskrivi r-raħal / belt tiegħek dak inhar tal-festa.
4. Tkellem dwar xi anzjani li joqogħdu viċin id-dar tiegħek.
5. Tipprattika xi tip ta' sport? Tkellem dwaru u għid għaliex jogħġbok.